# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-22 t'April, 2016.**

**Rikors Numru 180/2016 SM**

**Schembri Brothers Company Limited**
**(C – 3807)**

**vs.**

1. **Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

2. **Kunsill Lokali Hal-Ghaxaq**

3. **SM Contractors Ltd.**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta' Frar, 2016, (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib id-data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u foll 31), li permezz tieghu, wara li:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors guramentat promotur;

2.2. Akkordat provizorjament il-mandat in dizamina;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess rikors promotur lill-kontroparti ghar-risposta tal-intimati fit-terminu hemm indikat;

2.4. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza fil-gurnata u hin hemm indikati;

3. Rat ir-risposta tal-Awtorita` intimata datata t-12 ta' Frar, 2016, (ara foll 34), flimkien ma' dik tal-Kunsill Lokali intimat, datata t-22 ta' Frar, 2016, (ara foll 59), u dik tas-socjeta` intimata datata l-21 ta' Marzu, 2016, (ara foll 74);

4. Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-kontendenti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq riferit, is-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

6.1. Illi l-procedura odjerna giet intavolata bil-ghan li s-socjeta` rikorrenti tipprova tikkawtela d-drittijiet minnha hemm allegati billi sintetikament:

6.1.1. Izzomm lill-intimati milli jiffurmaw u jasfaltaw toroq li huma proprjeta` taghha, (ara foll 6), minnha akkwistata permezz tal-kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Anthony Gatt permezz ta' kuntratt datat iz-17 t'Ottubru, 1977, (ara foll 7);

6.1.2. Illi r-raguni ghall-istess hi *stante* li ma nhareg l-ebda ordni t'esproprjazzjoni fir-rigward;

6.1.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha taghhom l-intimati komplessivament sintetikament jissottomettu s-segwenti:

7.1. Illi l-procedura odjerna hi intempestiva *stante* li x-xoghol in dizamina hu kwazi gia` sar kompletat;

7.2. Illi l-vertenza in dizamina tirrigwarda l-formazzjoni ta' triq li effettivament kienet gia` giet kompletata addirittura qabel l-1998, (ara foll 34);

7.3. Illi effettivament kull ma jonqos li jsir fit-triq *de quo* hu li tinghata t-tarmak, (ara foll 34);

7.4. Illi l-finalizzar tax-xoghol riferit fil-paragrafu precedenti hu fl-interess tal-abitanti u tal-utenti tal-istess triq, inkluza s-socjeta` rikorrenti stess, (ara foll 34);

7.5. Illi fiha nnifisha, il-kopertura tat-triq in dizamina bit-tarmak ma tikkostitwix hsara irrimedjabbli li tattira r-rimedju hawn prospettat mis-socjeta` rikorrenti;

7.6. Illi *di piu`*, l-Awtorita` intimata hi debitament awtorizzata taghmel ix-xogholijiet in dizamina *stante* li t-toroq kolpiti huma lkoll toroq residenzjali;

7.7. Illi ghalhekk ir-residenti stess jirrizulta li huma obbligati bil-ligi biex jiffurmaw it-toroq *de quo*, (ara foll 35);

7.8. Illi meta, bhal fil-kaz in dizamina, r-residenti involuti ma jesperawx l-obbligu statutorju taghhom fir-rigward u jonqsu li jiffurmaw it-triq residenzjali taghhom, tinkombi legalment fuq l-Awtorita` intimata li tifforma l-istess triq in sostituzzjoni taghhom;

7.9. Illi l-Awtorita` intimata hi obbligata biex, fl-interess tal-kollettivita`, tifforma l-istess triq fil-modalita` minnha indikata, (ara foll 35);

7.10. Illi effettivament it-toroq involuti ilhom iffurmati s-snin u jonqos biss it-tarmak li hu l-limitu tal-vertenza odjerna;

7.11. Illi l-intervent tal-Awtorita` intimata qieghed isir fil-limiti tal-Avviz Legali 29 tal-2010, (ara foll 35);

7.12. Illi l-Kunsill Lokali intimat jafferma l-estranaeta` tieghu fir-rigward;

7.13. Illi s-socjeta` intimata tirribadixxi li hi biss is-socjeta` esekutrici tal-istruzzjonijiet lilha moghtija mill-Awtorita` intimata, (ara foll 82);

7.14. Illi in vista tal-premess it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

7.15. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

8. Illi l-bazi tal-procedura odjerna hi dik naxxenti mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrikjedi li jigu permezz tieghu *prima facie* protetti d-drittijiet vantati fl-istess procedura billi persuna tinzamm milli taghmel xi haga li tista` tkun ta' hsara lill-parti lanjanti;

9. Illi biex tali procedura tirnexxi l-lanjant irid jipprova li bl-azzjoni tal-intimati hu ha jkun ser ibaghti pregudizzju, (ara **Grech *pro et nomine* vs. Manfre`**, **Qorti tal-Appell**, datata l-**14 ta' Lulju, 1988**);

10. Illi *di piu`*, l-istess lanjant ghandu wkoll jipprova li ghandu dawk id-drittijiet li qieghed jivvanta ta' lanqas fil-livell ta' *prima facie*, (ara **Sammut vs. Sammut**, **Prim' Awla tal-Qorti Civili**, datata l-**5 ta' Gunju, 2003**);

11. Illi finalment jigi sottolineat li z-zewg rekwiziti fuq elenkati ghandhom ikunu meqjusa kumulattivament u mhux alternattivament;

12. Illi fir-rigward hu wkoll pacifiku li l-procedura odjerna hi wahda ta' natura eccezzjonali ghalkemm necessarjament sommarja,

fejn il-qorti hi impedita milli tidhol *funditus* fil-meritu involut u l-fatt li tintlaqa` jew tigi respinta t-talba ma jfissirx li d-dritt vantat ikun effettivament ipprovat, jew jekk bil-maqlub, allura d-dritt vantat ma jezistix;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi in vista tar-rizultanzi processwali jirrizulta sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi t-toroq kolpiti ilhom iffurmati mill-1998;

13.2. Illi fir-rigward, l-infrastruttura tat-toroq in dizamina hi statutorjament r-risponsabbilita` tal-persuni residenti fl-istess toroq;

13.3. Illi tul il-perjodu kollu mill-1998 sallum, hadd mir-residenti jew sidien tal-istess toroq ma intervjena biex jifforma l-istess toroq fl-interess tal-komunita` skont il-ligi;

13.4. Illi ghalhekk, munita bis-sahha statutorja stabbilita` permezz tal-artiklu 14(2) tal-Avviz Legali 29 tal-2010, (ara foll 35), l-Awtorita` kienet kostretta tintervjeni biex hi stess taghmel dak li kien dovut minn haddiehor kif indikat fil-paragrafu precedenti u tghaddi biex hi stess tifforma t-toroq *de quo* bil-modalita` hemm espressament stabbilita`;

13.5. Illi ghalhekk l-istess Awtorita` intimata kienet kostretta timxi a bazi tal-istess Avviz Legali *stante* in-nuqqas riskontrat u tintervjeni direttament;

13.6. Illi fil-prezent jonqos biss l-ahhar stadju tal-kostruzzjoni *de quo* senjatament li t-toroq *de quo* jinksew bit-tarmak;

13.7. Illi konsegwentement, tali xoghol ma jirrizultax li ser johloq danni rreparabbli lis-socjeta` rikorrenti;

13.8. Illi kieku l-istess socjeta` verament kellha interess fl-*area* involuta allura kien missha interveniet tempestivament f'isem il-kollettivita` involuta u effettwat ix-xogholijiet kollha necessarji hi stess minghajr ma halliet lir-residenti

involuti jsofru l-inkovenjenzi riskontrati min-nuqqasijiet riskontrati li wasslu lill-Awtorita` intimata tintervjeni;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi ghalhekk, hi l-fehma ta' din il-qorti li s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi fil-livell tal-*prima facie*, u konsegwentement:

**DECIDE:**

14.1. Takkolji r-risposti komplessivi tal-intimati;

14.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

14.3. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet preliminari taghha datat id-9 ta' Frar, 2016;

14.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta` rikorrenti;

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**